MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2014

Numru. 1078/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Shirley Micallef**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 30 ta` Ottubru, 2013 fil-konfront ta` Shirley Micallef, bint Carmel u Mary Rose nee` Borg, imwielda l-Awstralja fil-15 ta` Novembru, 1978, residenti 56, Flat 1, Triq San Patrizju, Valletta u detentrici tal-karta tal-identita` numru 343289M;

L-imputata akkuzata illi:

Talli nhar is-16 ta` Settembru, 2013 ghall-habta ta` 17:50 hrs, minn gewwa l-hanut bl-isem ta` GB Jewellery li jinsab Triq il-Wied, Birkirkara, ikkomettiet serq ta` curkett li jiswa madwar 400 Euro, liema serq huwa aggravat bl-ammont li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li sar ghad-detriment ta` Joan Josette Busuttil u/jew persuna/i ohra.

Talli bejn id-9 u t-13 ta` Settembru, 2013 minn gewwa l-hanut bl-isem ta` GB Jewellery li jinsab Triq ix-Xatt, Gzira, kkomettiet serq ta` curkett li jiswa madwar 400 Euro, liema serq huwa aggravat bl-ammont li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-detriment ta` Elaine Paula Vella u/jew persuna/i ohra.

Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kisret il-provedimenti tal-Artiklu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta` Malta imposti fuqha b`sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D. datata 11 ta` Lulju, 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel u aktar talli:

Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi naqset milli thares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D. fid-digriet tieghu ta` nhar is-27 ta` Lulju, 2013 li bih ta il-helsien mill-arrest that depositu u garanzija personali.

Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi saret ricediva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat li matul il-kors tal-ezami taghha skont l-Artikolu 392 u 370(4) tal-Kodici Kriminali l-imputata wiegbet li ma ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u wiegbet li mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u l-Qorti hadet nota ta' dan bil-miktub;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a fol 6 li permezz tieghu iddikjara li kien qieghed jaghti l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-fedina penali tal-imputata;

Semghet il-provi prodotti;

Rat li matul is-seduta tas-7 t'April 2014, l-imputata, debitament assistita mill-konsulent legali taghha, wara diskussjonijiet li saru mal-ufficjal prosekutur, kienet qeghda tirregistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Il-partijiet qablu li fid-dawl ta' din l-ammissjoni inkondizzjonata f'dan il-kaz, il-piena idoneja ghandha tkun dik ta' piena karcerarja effettiva fil-minimu permissibbli mill-Ligi.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u wara li taghta ftit taz-zmien sabiex anke tikkonsulta mal-Avukat taghha u tiddeciedi jekk hix sejra terga lura minnha, l-imputata wiegbet li hija inkondizzjonatament hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha;

Peress li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti tqis li dawn huma sodisfacentement pruvati. Ghalhekk, meta qieset kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-Qorti ma tistax hlief tiddikjaraha hatja f'dan il-kaz.

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

Il-Qorti rat li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija fis-sens li ikkonfessat kif sehhew il-fatti relatati ma dan il-kaz; biss hija ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontriha matul l-ahhar seduta quddiem din il-Qorti.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni wkoll tal-fatt li l-imputata hija plurirecidiva fir-reat ta' serq. Fil-fehma tal-Qorti, l-imputata jidher li ghandha diffikultajiet serji biex jirnexxielha tikkolloka l-hajja taghha fis-socjeta minghajr ma tirrikorri ghal, u tinkorri fir-reat ta' serq. Huwa evidenti li d-diversi sentenzi ta' liberta kondizzjonata u anke ta' ordnijiet ta' probation ma hallew ebda effett ta' riforma jew deterrent fuq l-imputata li baqghet tippersisti fl-istess tipologija ta' reat – cioe r-reat ta' serq.

In kwantu ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni, din il-Qorti hadet in konsiderazjoni wkoll il-fatt li mill-provi prodotti, il-valur individwali tal-oggetti misruqa f'dan il-kaz ma kienx jaqbez lammont ta' Euro 232.94 imsemmi fl-Artikolu 267 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk din il-Qorti mhix sejra titratta dan il-kaz taht l-Artikolu 261(c) bhala serq kwalifikat bil-valur, izda skont l-Artikoli 284 u 285 tal-Kodici Kriminali bhala serq semplici.

Il-Qorti fliet ukoll it-tielet u r-raba imputazzjonijiet migjuba kontra tal-imputata fejn hija giet mixlija li

"Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kisret il-provedimenti tal-Artiklu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta` Malta imposti fuqha b`sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D. datata 11 ta` Lulju, 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel u aktar talli:

Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi naqset milli thares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D. fid-digriet tieghu ta` nhar is-27 ta` Lulju, 2013 li bih ta il-helsien mill-arrest that depositu u garanzija personali."

Kif inghad aktar il-fuq, l-imputata ammettiet ukoll dawn l-imputazzjonijiet. Biss din il-Qorti jidhrilha li sejbien ta' htija tal-imputata fuq dawn iz-zewgt imputazzjonijiet, fil-fattispecie tal-kaz, ma tkunx *safe and satisfactory*. Jirrizulta li l-ammissjoni registrata mill-imputata kienet relattivament ghal sentenza tal-**11 ta' Lulju 2011** u ghal nuqqas ta' tharis ta' kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest datati **27 ta' Lulju 2013**. Mill-provi prodotti jirrizulta li semmai, is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dottor Audrey Demicoli inghatat nhar il-11 ta' Lulju **2012** u mhux 2011 (ara dok FF4 a fol 22) filwaqt li l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest prezentati f'dawn l-atti huma datati 27 t'**Awwissu** 2013 u mhux Lulju kif intqal fic-citazzjoni. B'hekk dan ifisser li l-imputata ammettiet ghal imputazzjonijiet li kienu jistriehu fuq sentenza u digriet inezistenti – u dan ghaliex ebda sentenza ma giet moghtija kontra l-imputata fil-11 ta' Lulju 2011 u ebda digriet koncedenti l-

helsien mill-arrest ma gie mahrug fil-konfront tal-imputata fis-27 ta' Lulju 2013! La darba l-Prosekuzzjoni xlietha bi ksur ta' sentenza u kundizzjonijiet li qatt ma inghataw fid-dati imsemmija fic-citazzjoni, il-Qorti tqis li tali imputazzjonijiet jistiehu fuq sentenza u digriet inezistenti; u konsegwentement l-imputata tigi li ammettiet ghal ksur li kien ukoll imsejjes fuq sentenza u kundizzjonijiet inezistenti u ghalhekk jekk ma kienx hemm sentenza u digriet mahruga kontra taghha f'dawk il-jiem, xhur u snin indikati, ma jistax jirrizulta li hi kisrithom, sempliciment ghax ma tistax tikser sentenza u digriet li ma inghatawx lilha fid-dati indikati fic-citazzjoni.

Inoltre, matul il-kors tal-proceduri fl-istadju appozitu tal-provi tal-Prosekuzzjoni, ma ntalbet ebda korrezzjoni ghall-imputazzjonijiet fir-rigward ta' dawn id-dati pendenti dawn il-proceduri u strahet fuq ic-citazzjoni bid-dettalji suppliti kif jidher minn fol 1 tal-process. Ghar-ragunijiet suesposti din il-Qorti ma tqisx li f'dan l-isfond, u fuq il-provi suppliti sejbien ta' htija fuq it-tielet u r-raba imputazzjonijiet ikun *safe u satisfactory* u b'hekk mhix sejra ssib lill-imputata hatja tat-tielet u r-raba imputazzjoni migjuba kontriha.

**<u>Decide : -</u>**

Ghaldaqstant din il-Qorti :

(a) filwaqt li ghar-ragunijiet premessi fil-paragrafu precedenti mhix qeghda ssib lill-imputata hatja tat-tielet u r-raba imputazzjoni migjuba kontriha u ghalhekk minnhom tilliberaha minn kull htija u piena,
(b) fuq l-ammissjoni inkondizzjonata u mtennija tal-istess imputata, qeghda ssib lil Shirley Micallef, recidiva f'delitti, hatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra taghha,
(c) u wara li rat l-Artikoli 17(b), 31, 49, 50, 284, 285, 289, u 579(2)(3) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 7, 21, 22, 23, 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta,
(d) tikkundannaha ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija;
(e) u wara li rat ukoll l-Artikolu 532A tal-Kodici Kriminali tordna lill-hatja Shirley Micallef thallas lil Joan Josette Busuttil ezercenti l-kummerc taht l-isem GB Jewellers is-somma ta' mitejn u ghoxrin Euro (E220) bhala kumpens ghat-telf subit minnha in konsegwenza ghar-reat ta' serq li tieghu l-imputata instabet hatja taht l-ewwel imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------